# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 22**

**Rikors numru 1078/13/1 AE**

**Dr. Suzanne Wolfe Martin bħala mandatarja speċjali ta' Frantisek Komarek, ta' Karel Komarek u ta' Urtica Limited, soċjetà estera reġistrata ġewwa l-gżejjer Cayman**

**v.**

**Ganado & Associates Advocates u Ganado Services Limited (C–31356)**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma żewġ appelli mressqa wieħed mill-attriċi fil-kwalità tagħha premessa u ieħor mill-intimati minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l quddiem imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u

għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati dwar ir-rappreżentanza f'Malta tal-atturi *proprio*; (ii) laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati safejn jgħidu li qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika bejnhom u l-kumpanija attriċi Urtica Limited; (iii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn dawn jirrigwardaw it-twaqqif ta' Bonatrans Group Holding Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa "Bonatrans"), u laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi limitatament dwar it-tagħrif marbut mat-twaqqif ta' dik il-kumpanija, bil-preċiżazzjoni li tali tagħrif ma jiġborx fih dak it-tagħrif li seta' ngħata lill-intimati minn wieħed mill-mandanti l-oħra; (iv) ċaħdet it-talbiet attriċi safejn jirreferu għal tagħrif marbut mat-tħaddim ta' Bonatrans u (v) ordnat lill-intimati li jagħtuhom it-tagħrif fi żmien tletin (30) jum minn dakinhar tas-sentenza. Ordnat ukoll li l-attriċi *nomine* terfa' sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż tal-kawża, filwaqt li l-intimati jerfgħu l-erbgħin fil-mija (40%) l-oħra, filwaqt li Urtica Limited tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha;

2. Illi l-appellanti *nomine* (minn issa 'l quddiem imsejħa "SWM") kienet fetħet il-kawża kontra l-intimati (minn issa 'l quddiem imsejħin "Ganado") biex titlob li l-ewwel Qorti tordnalhom jagħtu lill-atturi *proprio* aċċess għat-tagħrif u d-dokumentazzjoni dwar Bonatrans, u tagħti lil Ganado żmien li fih jagħtu t-tagħrif mitlub. Talbet ukoll li l-ewwel Qorti ssib li Ganado kisru l-obbligazzjonijiet tagħhom bħala mandatarji lejn l-istess atturi *proprio* taħt l-Artikolu 1856 tal-Kodiċi Ċivili meta rrifjutaw li jagħtuhom it-tagħrif li talbu

dwar Bonatrans. U talbet ukoll li Ganado jitqiesu responsabbli għad-danni li l-atturi *proprio* ġarrbu minħabba r-rifjut li jingħataw it-tagħrif mitlub u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni hekk imġarrba[1];

3. Ganado kienu laqgħu għal dik l-azzjoni billi qajmu eċċezzjonijiet ta' natura preliminari (dwar ir-rappreżentanza fiżika tal-atturi *proprio* f'Malta u dwar l-interess ġuridiku tagħhom li jressqu din l-azzjoni u n-nuqqas ta' rabta ġuridika mal-kumpanija attriċi Urtica Limited) u kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu (ir-rabta tas-sigriet professjonali u n-nuqqas ta' ħtija dwar id-danni pretiżi);

4. L-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin biex waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> *"Rat l-atti tal-kawza u tal-kawza 1077/2013 fl-ismijiet:* ***Dr Suzanne Wolfe Martin nomine vs Ganado & Associates Advocates et****.*
>
> *"1. Tista' tghid li din hi kawza identika ghall-kawza deciza minn din il-qorti fl-ismijiet* ***Dr Suzanne Wolfe nomine vs Ganado & Associates Advocates et*** *(Rikors 1077/2013) pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qeghdin ifittxu dikjarazzjoni li ghandhom dritt li jiksbu access ghall-informazzjoni u dokumenti relatati mal-kumpanija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189) [****Bonatrans****], li giet registrata fl-24 ta' Marzu 2010. Jirrizulta wkoll li fl-4 ta' Ottubru 2011 Bonatrans giet struck off mir-Registru tal-Kumpaniji (fol. 49).*
>
> *"2. Jirrizulta li l-atturi Komarek u certu Jitka Komarkova, li m'hijiex parti f'dawn il-proceduri, taw inkarigu lil Ganado Associates & Advocates (****G & A****) sabiex twaqqaf kumpanija fejn l-azzjonisti jkunu Alezia Foundation (600 sehem), Nausaa Foundation (200 sehem) u Siama Foundation (200 sehem). L-atturi u Komarkova ssemmew bhala*

[1] B'dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-13.3.2015, l-attriċi *nomine* rtirat it-talbiet dwar id-danni, ara paġ. 210 tal-proċess

*Ultimate Beneficial Shareholder Interests. M'hemmx prova li Urtica Limited kienet involuta. Il-kumpanija Bonatrans giet registrata u l-azzjonisti registrati kienu Alezia Foundation (720 sehem), Nausaa Foundation (240 sehem) u Siama Foundation (240 sehem). Jirrizulta li eventwalment sar trasferiment ta' ishma (Dok. GA3 fol. 117[2]) li wassal sabiex:-*

*"i. Alezia Foundation ttrasferiet l-ishma (720) lil Malverine Limited;*
*"ii. Nausaa Fondation ttrasferiet l-ishma (240) lil Malverine Limited;*
*"iii. Siama Foundation ttrasferiet l-ishma (240) lil Urtica Limited;*

*"Kumpaniji li skond ma jinghad fid-dokument a fol. 117 huma registrati fil-Cayman Islands.*

*"3. Permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2013, saret talba ghan-nom ta' Karel Komarek (fol. 118) lil G & A:*

> *"[….] to provide us with a full copy of your entire file in connecting with the mandate and founding of Bonatrans Group Holding Ltd, including also the entire correspondence in connection with the found of Bonatrans Group Holding Ltd, may it be with our client or other persons".*

*"Ittra identika ntbaghatet ghan-nom tal-attur Frantisek Komarek (fol. 120).*

*"It-twegiba minghand G & A kienet:*

> *"Please note that without prejudice to any legal basis as to why your request can or cannot be acceded to, we are only able to consider your request to disclose any information pertaining to the establishment of Bonatrans Group Holding Ltd if we receive instructions from all parties which had instructed us to establish such company" (fol. 119 u 121).*

*"4. Ladarba giet registrata Bonatrans, l-inkarigu ta'* ***G & A*** *tlesta.*

*"5. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, japplika dak li diga' nghad fis-sentenza li nghatat fil-kawza 1077/2013:*

> *"L-atturi huma cittadini tar-Repubblika Ceka, li fis-sena 2004 saret parti mill-Unjoni Ewropea. Fic-cirkostanzi ma kien hemm l-ebda htiega li f'din il-kawza jigu rapprezentati minn terza persuna. Dan apparti li fl-affidavit ta' Dr Wolfe Martin, iddikjarat li ghandha permess ta' residenza f'Malta. Fatt li ma giex kontestat mill-konvenuti. L-indikazzjoni hi li Dr Wolfe Martin hi residenti f'Malta. Ghalhekk ghandha kull dritt li f'proceduri gudizzjarji tidher in rapprezentanza ta' parti assenti minn Malta".*

*"6. Fil-fehma tal-qorti kull wiehed mill-persuni li ta mandat lil G & A ghandu dritt li jitlob taghrif minghandha relatat mat-twaqqif tal-kumpanija Bonatrans. Il-konvenuti jsostnu li l-inkarigu nghata mit-tlett*

[2] Avviz moghti minn G & A lir-Registratur tal-Kumpaniji (Form T).

*persuni fuq imsemmija, u peress li kien inkarigu wiehed kien mehtieg il-kunsens tal-atturi u ta' Komarkova. Fil-letter of instruction jinghad:-*

> *"G & A is instructed to proceed with the registration and incorporation of a limited liability company under the Companies Act, Chapter 386 of the Laws of Malta (the Company) in accordance with the details delineated below".*

*"Il-konvenuti m'ghamlu l-ebda riferenza ghal xi klawzola f'dan id-dokument li jitlob li jkun hemm il-kunsens tal-atturi u Komarkova f'daqqa sabiex jinghata taghrif dwar it-twaqqif tal-kumpanija Bonatrans. Ghal dak li jirrigwarda r-registrazzjoni tal-kumpanija, il-klijenti ta' G & A kienu l-atturi Komarek u Komarkova. F'dan ir-rigward klawzola 46 tal-Letter of Instructions taqra:*

> *"**The term Client means any person or persons instructing us by signing the Letter** or for whom the Services are or are to be provided and includes the ultimate beneficial owner/s of any such person or persons as well as the Company (as defined hereunder) and its parent company or a group of company…… **and in the case of more than one (1) person, mean such persons jointly and <u>severally</u>**…….".*

*"L-atturi Komarek u Komarkova ffirmaw, kull wiehed, Letter of Instruction separata. L-Avukat Dr Stephen Attard, avukat tal-konvenuta G & A u li kien ha hsieb ir-registrazzjoni, xehed fil-kawza 1077/2013AE:*

> *"Li nistghu ntuhom huma dokumenti pubblici relatati mat-twaqqif tal-kumpanija, imma xejn iktar. Nista' nikkonferma illi min-naha tieghi ma kenitx tkun diffikultà jekk xi hadd minn dawn il-beneficial owners talabni ghal taghrif, b'mod individwali, dwar xi dokumenti jew xi haga li sar fil-kors tat-twaqqif tal-kumpanija. Fuq daqshekk jiena ma kontx insib problema" (fol. 305).*

*"G & A ma ressqitx argumenti li jwasslu lill-qorti biex tbiddel dak li qalet fis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2014:*

> *"Hi l-fehma tal-qorti li ghal dak li jirrigwarda taghrif relatat mat-twaqqif tal-kumpanija Vivax, l-atturi ghandhom kull dritt li jinghataw it-taghrif li Ganado & Associates Advocates jew il-konvenuta ghandhom fil-pussess taghhom. M'hemm l-ebda htiega li jinkiseb il-permess tal-mandanti l-ohra. Kull wiehed mit-tlett persuni, li huma beneficial owners, ta mandat identiku lill-Ganado & Associates Advocates. Mandat li principalment kien sabiex titwaqqaf kumpanija li fiha kull wiehed minnhom kien ser ikun beneficjarju. Kull wiehed minnhom kellu l-istess interess, fis-sens li titwaqqaf din il-kumpanija. M'ghandux ikun li l-ghoti ta' informazzjoni mill-mandatarju tintrabat mal-htiega li jintalab u jinghata l-kunsens mill-mandatarji l-ohra. Taghrif li wara kollox gie ghand il-konvenuta fil-qadi tas-servizz li pprovdiet lil beneficial owners. Ganado & Associates Advocates, bhala mandatarja, ghandha obbligu li taghti lil kull wiehed mill-mandanti t-taghrif li ghandha fir-rigward tat-twaqqif tal-kumpanija Vivax Holding Limited. Ghaldaqstant, it-talba ghall-informazzjoni li saret bl-ittra tal-1 ta' Mejju 2013 hi legittima. Ovvjament dan ma japplikax ghal taghrif personali li kull wiehed mill-*

*beneficjarji seta' ta individwalment lill-konvenuta fl-interess personali tieghu u bhala parti mis-servizz li kellu jinghata fit-termini tal-Letter of Instructions".*

*"7. Ghal dak li jirrigwarda taghrif relatat mal-operat tal-kumpanija Bonatrans, is-sitwazzjoni hi differenti. Hu evidenti li hekk kif twaqqfet il-kumpanija Bonatrans, il-kumpanija saret klijenta tal-konvenuti. Kumpanija li ghandha personalità guridika. Sabiex ikun jista' jinghata taghrif dwar l-operat taghha zgur li m'huwiex bizzejjed li ssir talba mill-atturi jew minn xi azzjonist. Il-qorti terga' taghmel riferenza ghas-sentenza li tat fil-kawza 1077/2013:*

*"1.1– Il-Letter of Instructions saret fi stadju meta l-kumpanija kienet ghadha ma tezistix.*

*"1.2– Is-servizz kien jikkonsisti fir-registrazzjoni ta' kumpanija. Ghalkemm hu minnu li f'Taqsima 1 tad-dokument jissemmew xi servizzi ohra, hu evidenti li l-inkarigu principali kien li titwaqqaf kumpanija. Tant hu hekk li fuq nett jinghad: "Letter of Instructions for the Registration of a Private Limited Liabaility Company in Malta under the Companies Act, Chapter 386 of the Laws of Malta". Il-qorti ma taqbilx li l-Letter of Instructions kienet qeghda tkopri wkoll l-operat tal-kumpanija.*

*"1.3– L-inkarigu relatat mal-operat tal-kumpanija, jekk inghata kien minghand il-kumpanija. Is-servizz inghata lilha. Fil-fehma tal-qorti l-Letter of Instructions ma tikkoncernax tali inkarigu.*

*"1.4– Kumpanija hi persuna guridika distinta mill-azzjonisti. L-interessi taghha m'humiex identici ghall-interessi tal-azzjonisti.*

*"1.5– L-azzjonisti stess ghandhom interessi differenti minn xulxin.*

*"1.6– L-atturi m'humiex azzjonisti tal-kumpaniji. Ghalkemm fil-Letter of Instructions jissemmew bhala beneficjarji, 'il fatt jibqa' li m'humiex l-azzjonisti.*

*"1.7 L-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) jipprovdi x'taghrif jista' jinghata lill-azzjonisti. Hekk per ezempju l-Artikolu 149 jipprovdi li l-azzjonisti jistghu jispezzjonaw ir-registru tal-minuti tal-laqghat generali. L-Artikolu 125 tal-Kap. 386 jipprovdi li l-membri jistghu jaraw ir-registru tal-membri. Provvedimenti li fihom infushom juru li l-azzjonisti m'ghandhomx xi jedd assolut li jitolbu kull taghrif dwar kumpanija. F'dan ir-rigward hu rilevanti l-bran li l-konvenuti ccitaw mill-ktieb Principles of Maltese Company Law tal-Professur A. Muscat: "Whereas the directors of the company have full access to all documents and information concerning the company they represent, the shareholders' rights in this regard are considerably restricted. Indeed as a general rule, a shareholder (including a majority shareholder) does not, qua shareholder, have a right (except in well defined circumstances) to demand that he be furnished with information or with copies of documents concerning the company's business or affairs. Indeed shareholders' rights to information concerning the affairs of the Company are severely curtailed under the Companies Act and include such rights, for example, to examine the minutes of general meetings and to receive a copy of the annual accounts of the Company*

*together with the relative director's reports and the auditor's report" (pagna 523).*

*1.8 Hu minnu li paragrafu 21 tad-dokument jipprovdi li l-konvenuti huma awtorizzati li jiehdu "... instructions on any matter concerning the Company at any time in the future" minghand il-beneficcjarji, b'mod indipendenti minn xulxin, madankollu:-*

*"(a) Dak id-dokument m'huwiex jirreferi ghall-operat ta' Vivax izda ghar-registrazzjoni taghha;*

*"(b)F'kull kaz paragrafu 58 tal-Letter of Instructions jipprovdi: "We are bound at law by strict standards of professional secrecy and confidentiality. All information regarding the Company's business and affairs will be regarded as and kept confidential by us at all times". Obbligu li l-konvenuti assumew fil-konfront ta' kull wiehed mill-beneficcjarji. Mela f'kull kaz, taghrif dwar l-operat tal-kumpanija ma jistax jinghata fuq semplici talba ta' wiehed mill-beneficcjarji fis-sens li jrid ikun hemm il-kunsens ta' kull wiehed minnhom;*

*"(ċ) It-talba ghal ghoti ta' taghrif li saret mill-beneficcjarji, saret fl-interess personali taghhom. Tant hu hekk li fil-premessi tar-rikors guramentat qalu: "v..... tnieda ezercizzju liema huwa intiz inter alia sabiex jistabbilixxi li l-elementi li jikkostitwixxu r-registrazzjoni tal-kumpanija mar-Registratur, kif ukoll l-akkwizizzjoni ta' certu assi u interessi f'socjetajiet ohra saru fl-ahjar interess tal-beneficjarji kollha skond u kif inter alia maqbul fl-ittra ta struzzjonijiet datata 11 ta' Gunju 2010" (enfazi mizjuda, fol. 2). Mill-atti hu evidenti li nqala' dizgwid bejn il-beneficcjarji li jissemmew fil-Letter of Instructions. Dak li hu fl-interess taghhom ma jfissirx li hu fl-interess tal-kumpanija. Jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jikkonkludi li d-dokument a fol. 7 japplika wkoll fir-rigward tal-operat tal-kumpanija, m'hemmx dubju li paragrafu 21 m'ghandu qatt jigi applikat b'mod li jista' jwassal biex beneficcjarju jaghmel uzu minnu biex jaqdi l-interessi personali tieghu. L-ghan wara paragrafu 21 ma seta' qatt kien li jservi l-interessi personali tal-beneficcjarji u wisq inqas li jintuza bhala ghodda biex jinkixef taghrif f'kaz li jinqala' dizgwid;*

*"1.9– M'hemmx prova li hemm ordni tal-kumpanija sabiex jinghata lil terzi, huma min huma, xi taghrif dwar l-operat tal-kumpanija. F'dan ir-rigward il-konvenuti jaghtu servizz lill-kumpanija u hu minghandha li jircievu l-ordnijiet".*

*"Fil-kaz in ezami d-differenza hi li Bonatrans m'ghadhiex tezisti. Fir-rikors guramentat l-atturi ppremettew li wara x-xoljiment:*

*"[….] tnieda ezercizzju liema huwa intiz inter alia sabiex jistabilixxi li l-elementi li jikkostitwixxu x-xoljiment tas-socjeta Bonatrans, kienu maghmula fl-ahjar interess ta' l-azzjonisti, tas-socjeta Bonatrans, kif ukoll tal-beneficcjarji.*

*"6. Illi in vista tas-suespost inbdew proceduri gewwa l-Principat ta' Liechtenstein, liema wasslu sabiex it-tlett azzjonisti precedenti ta' Bonatrans gew re-integrati u restitwiti l-hajja u l-isem fir-registru, u*

*sussegwentement gie appuntat kuratur sabiex jiehu hsieb l-operat taghhom".*

*"Dwar dak li gie dikjarat fis-sitt paragrafu tar-rikors ma tressqux provi.*

*"Ghall-qorti lanqas mhu car x'sar u x'riedu jfissru l-atturi meta ddikjaraw li t-tliet azzjonisti ta' Bonatrans "gew re-integrati u restitwiti l-hajja u l-isem fir-registru". Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-ilment tal-atturi hu bazat fuq 'il fatt li:*

*"i. Skond il-letter of instructions, l-atturi ghandhom jedd ghat-taghrif (paragrafu 7 tar-rikors guramentat);*

*"ii. Ir-rifjut tal-konvenuti li jaghtu t-taghrif hu "[….] ksur tal-mandat moghti lil Ganado izda huwa wkoll ksur lampanti ta' l-obbligazzjonijiet li jsorgu minn Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi inter alia kontemplati f'artikolu 1874 ta' l-istess kapitlu" (paragrafu 9 tar-rikors guramentat);*

*"Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-ilment tal-atturi kif propost fir-rikors guramentat u m'ghandhiex ex officio tara jekk tezistix bazi legali ohra ghalfejn l-atturi jista' jkollhom dritt li jinghataw it-taghrif. L-argumenti relatati mal-Letter of Instructions diga' gew trattati u decizi fil-kawza 1077/2013*[3]*. Dak li qalet il-qorti dwar il-Letter of Instructions jibqa' jghodd. Inoltre, l-qorti tosserva wkoll li:-*

*"i. M'hemm l-ebda prova li l-kumpanija attrici Urtica Limited kienet tat xi mandat lill-konvenuti.*

*"ii. L-azzjonisti tal-kumpanija ma kienux l-atturi Komarek. Osservazzjoni li qeghda ssir in vista ta' dak li argumentat l-attrici nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet. F'kull kaz l-azzjoni taghha ma gietx ibbazata fuq provvediment tal-Att dwar il-Kumpaniji izda fuq il-letter of instructions u ksur tal-obbligi tal-mandatarju li hemm fil-Kodici Civili (Kap. 16)*";

5. Iż-żewġ partijiet ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata u appellaw minnha;

6. B'Rikors tal-Appell imressaq fis-17 ta' Lulju, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, Ganado talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata

[3] Fiz-zewg kazijiet huma tal-istess forma.

billi tilqa' l-eċċezzjoni tagħhom ukoll safejn din tqajmet dwar l-għoti tat-tagħrif marbut mat-twaqqif ta' Bonatrans u għalhekk tiċħad l-ewwel tliet talbiet attriċi safejn jirrigwardaw it-twaqqif tal-imsemmija kumpanija, u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi *proprio*;

7. Għal dak l-appell SWM wieġbet b'Risposta mressqa fl-10 ta' Awwissu, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell ta' Ganado, u għar-raġunijiet imsemmija f'appell li kienet ressqet minn rajha, tibdel is-sentenza appellata billi tħassarha safejn, fl-ewwel tliet talbiet attriċi, ma ntlaqgħetx it-talba biex jingħataw id-dokumenti wkoll marbuta mal-operat ta' Bonatrans u minflok tilqa' dawk it-talbiet ukoll billi tordna li jingħatalhom dak it-tagħrif u tieħu l-azzjonijiet neċessarji li din il-Qorti jidhrilha meħtieġa;

8. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fl-20 ta' Lulju, 2015, f'isem l-atturi *proprio*, u għar-raġunijiet hemm imfissra, SWM talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha safejn laqgħet l-ewwel tliet talbiet limitatament għat-tagħrif dwar it-twaqqif ta' Bonatrans u tibdilha għall-bqija billi tordna lil Ganado jagħtu t-tagħrif kollu jew *in parte* marbut mal-operat ta' Bonatrans ukoll. Talbet ukoll l-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra Ganado;

9. Ganado laqgħu għall-appell ta' SWM b'Risposta li ressqu fis-7 ta' Awwissu, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li l-parti tas-sentenza appellata li SWM talbet il-bdil tagħha hija tajba u jixraq li tkun konfermata u għalhekk li l-appell tagħha ma kienx mistħoqq u li din il-Qorti għandha tiċħdu bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti;

10. Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-17 ta' Novembru, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għallum għas-sentenza;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi bħalma jidher mill-atti tal-kawża, din il-kawża tixbah lil oħra li SWM kienet ressqet kontra Ganado f'isem l-istess atturi *proprio* b'rabta mat-twaqqif u t-tħaddim ta' kumpanija oħra f'Malta[4]. Kemm hu hekk, l-ewwel Qorti kienet tat provvediment fl-atti tal-kawża l-oħra biex l-atti ta' din il-kawża jgħaddu quddiemha biex tqishom flimkien. Ġara, iżda, li l-ewwel Qorti tat is-sentenza fil-kawża l-oħra madwar tmien (8) xhur qabel ma ngħatat is-sentenza appellata f'din il-kawża. Kif tennew l-avukati difensuri waqt it-trattazzjoni tagħhom tal-appell tallum, bosta mill-aggravji rispettivi tagħhom fl-appelli mressqa minnhom mis-sentenza appellata

[4] Rik. Nru. 1077/13AE maqtugħa minn din il-Qorti fis-27.3.2020

kienu mqajma fl-appell ewlieni u fl-appell inċidentali li huma kienu ressqu fl-ewwel kawża u li dwarhom din il-Qorti (diversament komposta) tat sentenza ftit tax-xhur ilu;

13. Illi l-Qorti sejra tibda billi tqis l-**aggravji** ta' Ganado mis-sentenza appellata. Dawn jintrabtu mat-tifsira xierqa li kellha l-ħatra li ngħataw fil-*Letter of Instructions* (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ittra") tal-5 ta' Marzu, 2010[5], marbuta mat-twaqqif ta' Bonatrans u 'l quddiem mat-tmexxija (l-"operat") tal-istess kumpanija hekk imwaqqfa. L-ewwel Qorti għarfet bejn il-ħatra jew mandat li ngħataw Ganado biex iwaqqfu lil Bonatrans u l-jeddjiet tal-atturi *proprio* għat-tagħrif u dokumentazzjoni ta' Bonatrans wara li twaqqfet u hi u titmexxa. Il-Qorti f'dan il-waqt tirrileva li Bonatrans kienet reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta fl-24 ta' Marzu, 2010[6], u isimha tħassar minn fuq l-istess Reġistru fl-4 ta' Ottubru tal-2011[7];

14. Illi Ganado jgħidu li huwa minnu li l-atturi *proprio* kienu tnejn minn fost tliet persuni (fosthom iż-żewġ atturi Frantisek u Karel Komarek) li ħatruhom bis-saħħa tal-ittra biex jgħinuhom fil-proċess li wassal għat-twaqqif u r-reġistrazzjoni ta' Bonatrans, iżda dik il-ħatra ngħatat b'mod li l-azzjonisti ta' Bonatrans ma kinux l-istess persuni li taw il-ħatra, imma tliet fundazzjonijiet imwaqqfa f'Liechtenstein, u kienu dawn it-tliet

[5] Dok "G&A1" jew "GA1" f'paġġ. 7 sa 18 u 66 sa 95 tal-proċess
[6] Ara Dok "GA2", f'paġġ. 96 sa 116 tal-proċess
[7] Dok "G&A3", f'paġ. 22 tal-proċess

fundazzjonijiet li bagħtu prokura[8] lil Ganado biex seta' jseħħ il-proċess tat-twaqqif u tar-reġistrazzjoni. Ganado jgħidu li s-servizzi professjonali marbuta mat-twaqqif u mar-reġistrazzjoni ta' Bonatrans ingħataw biss lill-klijenti u, f'dan il-każ, il-klijenti kienu l-azzjonisti (it-tliet fundazzjonijiet) tagħha u mhux l-atturi *proprio*, għaliex wieħed għandu jagħraf bejn min jagħti l-istruzzjonijiet u min huwa l-klijent li lilu ngħataw dawk is-servizzi. B'mod partikolari, Ganado jirreferu għall-klawsola 46 tal-ittra li tfisser x'wieħed għandu jifhem bil-kelma "*client*" għall-finijiet tal-istess ħatra mogħtija, u wkoll għal dak li tgħid il-klawsola 21 tal-istess ittra dwar min kienu l-persuni li Ganado setgħu jirrikorru għandhom biex jieħdu l-istruzzjonijiet dwar it-tmexxija ta' Bonatrans, u tagħraf dan mir-rabta li Ganado kellhom lejn il-klijenti effettivi tagħhom. U għalhekk, ladarba t-talbiet f'din il-kawża qegħdin isiru minn tnejn biss mit-tliet persuni (jiġifieri l-imsemmija atturi) li bejniethom iżommu anqas min-nofs tal-*ultimate beneficial interest*, l-istess atturi *proprio* ma għandhom l-ebda jedd għat-tagħrif minnhom mitlub, sakemm ma jintalabx mill-benefiċjarji kollha flimkien (jiġifieri l-atturi u Jitka Komarkova) li jħollu lil Ganado mir-rabta tas-sigriet professjonali;

15. Illi SWM twarrab dan l-aggravju għaliex tgħid li Ganado ma kinux konsistenti mal-qagħda li ħadu fl-ittra tagħhom tas-27 ta' Ġunju, 2013[9], tant li matul is-smigħ tal-kawża xhud li huwa uffiċjal f'Ganado xehed il-

[8] Ara Dok "GA2", f'paġġ. 114 – 6 tal-proċess
[9] Ara Dok "GA9", f'paġ. 123 tal-proċess

kontra ta' dak li ngħad f'dik l-ittra u kontra dik il-parti tal-aggravju tagħhom f'dan l-appell. Iżidu jgħidu li l-ħatra lil Ganado ngħatat minnhom personalment (flimkien ma' Jitka Komarkova) u Ganado ma setgħu jqisu 'l ħadd aktar bħala klijent tagħhom għall-finijiet tal-ittra jekk mhux liż-żewġ atturi *proprio* u lil Komarkova;

16. Illi l-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn dik il-fażi tal-ħatra li tiġi qabel it-twaqqif ta' Bonatrans u dik minn hemm 'il quddiem. Dan jingħad għaliex, mat-twaqqif ta' Bonatrans, inħalqet persuna b'personalità legali għaliha, għal kollox differenti mill-azzjonisti tagħha u minn min tħajjar iwaqqafha. Madankollu, il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni meħuda minn Ganado fil-mod kif huma qiesu lil u mxew ma' l-atturi *proprio* f'dak li jirrigwarda l-proċess imniedi sakemm twaqqfet Bonatrans. Mit-tifsira ta' "klijent" li hemm fl-Annex F tal-ittra (jiġifieri l-klawsola 46), joħroġ ċar li min iffirma dik l-ittra jitqies ukoll bħala tali għall-finijiet tal-ħatra mogħtija lil Ganado. Tajjeb li jingħad li t-tifsira turi li ma tirriferix biss għall-*ultimate beneficial owners* tal-kumpanija li kellha titwaqqaf (kemm hu hekk tintuża l-kelma "*includes*"). Madankollu, kull wieħed mill-atturi *proprio* ffirma l-ittra u għalhekk mill-kliem ċar tal-istess tifsira, kull wieħed mill-atturi *proprio* huwa "klijent". Il-Qorti ma tifhimx għaliex Ganado jibqgħu jgħidu li, wkoll għall-fażi ta' qabel it-twaqqif ta' Bonatrans, l-atturi *proprio* ma kellhomx jedd għall-għoti tat-tagħrif meta l-atturi kienu klijenti ta' Ganado

u r-rabta professjonali magħhom kienet ir-rabta waħdanija li kien għad hemm sa dak iż-żmien;

17. Illi l-Qorti lanqas ma tista' taċċetta s-sottomissjoni ta' Ganado li l-lejaltà professjonali tagħha tafha biss lill-azzjonisti ta' Bonatrans – jiġifieri t-tliet fundazzjonijiet – u mhux lill-atturi *proprio* għaliex, bl-istess argument imsemmi hawn fuq, sakemm twaqqfet Bonatrans, ma kien hemm l-ebda persuna oħra li lilha Ganado kellha responsabbiltà lejha jekk mhux lejn it-tliet persuni li ffirmaw l-ittra. Ir-rabta li l-atturi ntrabtu biha fl-ittra kienet waħda personali, bil-jeddijiet u l-obbligi li ġġib magħha[10], għalkemm kienet waħda li setgħet kienet ta' ġid għal terz u dak it-terz, eventwalment, inqeda biha[11]. Fuq kollox, ir-rabta kienet bilaterali, fis-sens li Ganado ntrabtu li jagħtu s-servizzi mitluba (fosthom dak li titwaqqaf Bonatrans) lil min talabhomlhom ("il-klijent"), u din il-Qorti ma tarax li huwa sewwa u b'liema mod jista' jkun ġustifikat li min talab dawk is-servizzi jkun imċaħħad sewwasew mit-tagħrif li juri kif dawk is-servizzi mitluba twettqu[12];

18. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u fin-nuqqas ta' argumenti oħrajn min-naħa ta' Ganado, il-Qorti ssib li taqbel mal-fehma tal-ewwel

[10] Art. 999(1) tal-Kap 16
[11] Art. 1000 tal-Kap 16
[12] Art. 1875 tal-Kap 16

Qorti f'dan ir-rigward u għalhekk tqis li l-aggravju ta' Ganado mis-sentenza appellata ma huwiex mistħoqq u mhux sejra tilqgħu;

19. Illi l-Qorti sejra tqis l-**aggravji fl-appell** ta' SWM. L-appellanti tressaq ħames (5) aggravji mis-sentenza appellata li huma dawn: (i) safejn is-sentenza kkonfermat iċ-ċaħda tal-jedd tagħhom għal aċċess għal tagħrif marbut mat-tmexxija ta' Bonatrans; (ii) safejn l-ewwel Qorti qieset li mat-twaqqif ta' Bonatrans inħalaq mandat ġdid bejn dik il-kumpanija u Ganado; (iii) mat-tifsir li l-ewwel Qorti tat lill-ftehim fl-ittra tal-ħatra dwar liema struzzjonijiet kienu jorbtu lil Ganado; (iv) safejn is-sentenza appellata qieset li Urtica Limited ma kellhiex interess f'din il-kawża; u (v) mal-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż;

20. Illi fl-**ewwel aggravju** SWM tgħid li l-mandat li ngħata lil Ganado joħroġ mill-ittra tal-5 ta' Marzu, 2010, u li din il-ħatra ma ntemmitx mat-twaqqif ta' Bonatrans. Tinqeda b'silta mix-xhieda mogħtija mill-Avukat Stephen Attard biex issaħħaħ l-argument tagħha li Ganado nfushom qiesu l-ittra wkoll bħala ħatra għal żmien wara li tkun twaqqfet dik il-kumpanija. Issaħħaħ l-argument tagħha billi tgħid li l-ittra nnifisha (klawsola 71[13]) taħseb għal temm tar-rabta kemm qabel it-twaqqif tal-kumpanija u kif ukoll wara, u tgħid li kieku l-mandat jintemm mat-twaqqif

[13] Ara Dok "GA1", f'paġġ. 94 – 5 tal-proċess

tal-kumpanija, ma kienx jagħmel sens li l-klawsola taħseb għal kif jintemm il-mandat wara tali twaqqif;

21. Illi Ganado twarrab dan l-aggravju billi tgħid li mat-twaqqif ta' Bonatrans, ingħatalhom mandat ieħor li ma kienx dak mogħti fl-ittra u għalhekk, bis-saħħa ta' dak il-mandat ġdid, ir-rabtiet bejn Ganado u Bonatrans marru lil hinn minn dawk maħluqa bl-ittra u l-lejaltà professjonali ta' Ganado lejn Bonatrans ma kinitx l-istess bħal dik li seta' kellha mal-atturi *proprio*. Minbarra dan, iżidu jgħidu li l-azzjoni attriċi trid li t-tagħrif u d-dokumentazzjoni dwar it-tħaddim ta' Bonatrans jingħataw mill-avukati tal-imsemmija kumpanija (Ganado) li huma marbuta bir-rabta tas-sigriet professjonali mal-kumpanija u mhux mingħand il-kumpanija, li mhijiex parti f'din il-kawża;

22. Illi l-Qorti tqis li n-nuqqas fundamentali tal-argument ta' SWM f'dan l-aggravju ġej mill-fatt li hija tqis li, mat-twaqqif ta' Bonatrans, il-mandat li l-atturi *proprio* taw lil Ganado żdied ma' dak li ngħata minn Bonatrans bis-saħħa tar-reġistrazzjoni tagħha. Kif ingħad qabel, mat-tnissil ta' Bonatrans, inħalqet persuna legali ġdida li l-ħtiġijiet u l-jeddijiet tagħha u dawk ta' min kien wara t-twaqqif tagħha ma baqgħux l-istess. Dan kien jgħodd ukoll kieku l-atturi *proprio* kienu (fost) l-azzjonisti ta' dik il-kumpanija. Sewwa u f'lokhom kienu l-osservazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, u li juru li l-jeddijiet ta' aċċess għal tagħrif u

dokumenti tal-kumpanija mhumiex miftuħa bla limitu favur l-azzjonisti tagħha. Dan, allura jgħodd aktar u aktar meta l-atturi *proprio* ma kinux azzjonisti ta' Bonatrans;

23. Illi l-appellata ma tistax tinqeda bi frażijiet jew klawsoli fl-ittra li jipprospettaw x'jiġri wara t-twaqqif ta' Bonatrans bħallikieku kienu l-estensjoni tal-mandat oriġinali li ngħata fl-ittra. Minbarra dan, fl-istess ittra hemm patt rilevanti li jidher li jxejjen l-aggravju. Il-Qorti tirreferi għall-kundizzjoni tas-sigriet professjonali u l-kunfidenzjalità[14] u li tagħmilha ċara li, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija ta' Bonatrans, Ganado jżommu l-jedd tas-sigriet professjonali fl-interessi tal-istess kumpanija. F'dan ir-rigward, ma hemm l-ebda dubju li l-atturi *proprio* ma kinux il-klijenti fir-rigward tat-tmexxija ta' Bonatrans, għallanqas sakemm Bonatrans kienet baqgħet reġistrata, u skond il-liġi[15], kienet Bonatrans waħedha (skond minn min hija rappreżentata) li setgħet tħoll lil Ganado minn dik ir-rabta. Kif sewwa jirrilevaw Ganado fit-tweġiba tagħhom għal dan l-aggravju, Bonatrans ma hijiex waħda mill-partijiet imħarrka mill-atturi *proprio* u mhijiex parti f'din il-kawża;

24. Illi, madankollu, huwa sewwasew minħabba li Bonatrans tħassret mil-listi tar-Reġistru tal-Kumpaniji sa minn bosta xhur qabel ma tressqet din il-kawża li tqum kunsiderazzjoni oħra li ma kinitx tinsab fil-kawża li

[14] Klawsola 58 (Dok "GA1", f'paġġ. 92 – 3 tal-proċess)
[15] Art. 588 tal-Kap 12

kienet miexja ma' din u dwar liema din il-Qorti tat is-sentenza tagħha. Malli Bonatrans tħassret mir-Reġistru, il-"mewta" legali tagħha ġabet ukoll fi tmiemha r-rabta li seta' kellha ma' Ganado. Il-mistoqsija li tqum hija jekk, mal-kanċellament ta' Bonatrans bħala kumpanija, jintemmux għal kollox l-effetti tal-ħatra li kienet ingħatat lill-Ganado mill-atturi *proprio*. Waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-għaref difensur ta' SWM qal li max-xoljiment ta' Bonatrans, ir-rabta kuntrattwali bejn l-atturi *proprio* u Ganado reġgħet ġiet fuq quddiem, minħabba li, sa dak iż-żmien, ħadd mill-partijiet fuq l-ittra tal-ħatra ma kien ħa l-passi stipulati biex itemmha. Min-naħa tiegħu, l-għaref difensur ta' Ganado qal li, mal-"mewt" ta' Bonatrans, kull rabta professjonali – magħdud is-sigriet professjonali – marbut mat-tmexxija ta' Bonatrans miet magħha. Huwa żied jissottometti li, ladarba tagħrif dwar kumpanija huwa "ġid" jew assi tagħha, jekk SWM għadha tisħaq fuq il-ksib tat-tagħrif dwar iż-żmien li Bonatrans kienet għadha titmexxa, għandha tirrikorri għar-rimedju mogħti mil-liġi speċjali li tirregola l-kumpaniji[16];

25. Illi l-Qorti tagħraf li l-qagħda li tirrigwarda ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma ssibx tweġiba għaliha f'xi dispożizzjoni partikolari tal-liġi, għaliex hija tista' tgħid sajma għal kollox f'dan ir-rigward[17]. Huwa stabbilit ukoll li, mat-tħassir ta' isem ta' kumpanija mir-Reġistru, il-personalità

[16] Semma l-art. 325(3) tal-Kap 386
[17] Ara l-artt. 244 u 264(1) tal-Kap 386

legali tagħha tintemm għal kollox[18]. Għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ fil-każ tal-mewt ta' persuna fiżika, il-"mewt" legali ta' kumpanija ma tħallix 'werrieta', u għalhekk kollox imut magħha. Wieħed jistenna li l-pretensjonijiet u l-jeddijiet ta' kull min ikun dwar tali kumpanija jitressqu u jintalbu sakemm ikun għadu miexi l-proċess ta' likwidazzjoni u stralċ. F'bosta sistemi ta' dritt oħrajn, kull "ġid" jew assi ta' kumpanija li isimha jitħassar minn fuq ir-reġistri u li ma jkunx ġie assenjat, tħallas jew tqassam matul il-proċess ta' stralċ isir "*bona vacantia*". Il-Qorti tqis li din għandha tkun il-qagħda fil-każ ta' kumpanija Maltija li isimha jitħassar mir-Reġistru, u sakemm jibqa' hekk imħassar;

26. Illi dan ifisser li kemm it-tagħrif li Ganado kellhom dwar iż-żmien (qasir) ta' tmexxija li matulu Bonatrans damet reġistrata u, wisq aktar, ir-rabta tas-sigriet professjonali li kellhom magħha, intemmu ma' dak it-tħassir u l-ebda mandat li l-atturi *proprio* setgħu taw lill-Ganado qabel ma twaqqfet Bonatrans ma jista' jintuża biex inissel jedd li ntemm mat-tħassir imsemmi tal-isem mir-Reġistru;

27. Illi għalhekk, dan l-aggravju mhuwiex tajjeb u mhux se jintlaqa';

28. Illi fit-**tieni aggravju** tagħha SWM ittenni li ma kien hemm l-ebda mandat ġdid u li l-mandat kien wieħed, jiġifieri l-ittra li baqgħet fis-seħħ

---
[18] Art. 4(4) tal-Kap 386

għaliex dik l-ittra nnifisha tgħid li kienet taħseb għal ġrajjiet li jiġru wara t-twaqqif ta’ Bonatrans u ħadd ma temm il-ħatra maħluqa b’dak il-mandat[19]. Issemmi wkoll li ma nġabet l-ebda prova ta’ xi mandat ġdid mogħti lill-Ganado minn Bonatrans wara li din twaqqfet. Terġa’ ssemmi x-xhieda ta’ wieħed mill-uffiċjali ta’ Ganado u li turi, li saħansitra wara t-twaqqif ta’ Bonatrans, kien baqa’ jilqa’ struzzjonijiet mingħand l-atturi *proprio*;

29. Illi Ganado jwarrbu dan l-aggravju wkoll għaliex jgħidu li, għall-kuntrarju ta’ dak li tgħid SWM, il-mandat il-ġdid ingħata espressament u b’dokumenti xierqa mit-tliet fundazzjonijiet li, imbagħad, saru l-azzjonisti ta’ Bonatrans;

30. Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti ttenni l-kunsiderazzjonijiet li saru qabel, kemm dwar dak li jirrigwarda l-aggravju fl-appell ta’ Ganado u kif ukoll fl-ewwel aggravju ta’ SWM. Iżżid tgħid li għalkemm l-ebda naħa ma temmet formalment il-ħatra maħluqa bl-ittra, dan la ġab miegħu twessigħ fil-ħatra oriġinarjament mogħtija u lanqas ma kellu effett li jinċidi wkoll fuq rabtiet ġodda li nħalqu b’riżultat ta’ dik il-ħatra (b’mod partikolari mar-reġistrazzjoni ta’ Bonatrans). Din il-Qorti tifhem u taċċetta l-argument ta’ Ganado dwar ir-riferenzi fl-ittra għal xi servizzi li kellhom jingħataw lill-klijent wara li tkun twaqqfet Bonatrans, u huwa minħabba f’hekk li ssib li l-fehma tal-ewwel Qorti li tagħraf bejn għemejjel marbuta mal-proċess tat-

[19] Klawsola 71 tal-ittra (f’paġ. 94 tal-proċess)

twaqqif tal-kumpanija u dawk marbuta mat-tmexxija tagħha (kien kemm seta' kien qasir iż-żmien li Bonatrans damet "ħajja" qabel ma isimha tħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji) kienet waħda għaqlija u ġusta;

31. Illi billi ma ngħatat l-ebda raġuni oħra tajba min-naħa tal-appellanti dwar dan it-tieni aggravju tagħha, il-Qorti mhix se tilqgħu;

32. Illi t-**tielet aggravju** ta' SWM jintrabat ma' ta' qablu u wkoll jitkellem dwar it-tifsira li l-ewwel Qorti tat lill-ittra u b'mod partikolari fejn l-ittra titkellem dwar "*instructions on any matter concerning the company at any time in the future*". L-appellanti tgħid li s-sentenza appellata ma tatx qies biżżejjed lil dan il-kliem u messha fissrithom mod ieħor;

33. Illi Ganado jilqgħu għal dan l-aggravju bl-istess argumenti mressqin qabel u jżidu jgħidu li t-tifsir xieraq ta' dawk il-kliem imsemmija mill-appellata jridu jittieħdu fil-qafas tal-ħatra sħiħa u mhux għal rasha;

34. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhux mistħoqq, u dan għaliex jibqa' element fundamentali li l-ħatra kienet titkellem dwar it-twaqqif ta' Bonatrans u mhux ukoll dwar it-tmexxija tagħha, wkoll jekk il-ħatra kienet tista' tolqot xi ċirkostanzi li jiġru wara t-twaqqif tal-kumpanija. Imma, kif ingħad qabel, jibqa' l-fatt li, mat-twaqqif ta' Bonatrans, il-jeddijiet tagħha (u b'mod partikolari, ir-rabtiet professjonali li tnisslu bejnha u Ganado

mat-twaqqif tagħha) ma jistgħux jintrifsu jew jinġabu fix-xejn bil-fatt tal-ħatra mogħtija fl-ittra minn persuni li mhumiex il-kumpanija nnifisha u mhumiex lanqas azzjonisti tagħha.  Dan jgħodd ukoll u b'aktar qawwa ladarba Bonatrans ġiet xolta;

35. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

36. Illi fir-**raba' aggravju** l-appellata tilminta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma qisitx li l-kumpanija attriċi Urtica Limited kellha interess li tressaq it-talbiet li ressqu l-atturi l-oħrajn *proprio*.  Hija tgħid li, minkejja dak li qalet l-ewwel Qorti dwar in-natura tat-talbiet attriċi, l-ewwel talba hija wiesa' biżżejjed biex tiġbor fiha talbiet kemm taħt l-istitut tal-mandat u kif ukoll taħt l-Att dwar il-Kumpaniji, b'mod partikolari fejn jidħlu l-jeddijiet ta' persuni li jitolbu tagħrif dwar kumpanija;

37. Illi Ganado jilqgħu għal dan l-aggravju billi jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li Urtica Limited saret azzjonista ta' Bonatrans wara li kisbet l-ishma ta' waħda mill-azzjonisti ewlenin.  Għalhekk, jgħidu li safejn l-azzjoni attriċi tintrabat mal-ittra tal-ħatra, hija ħaġa ċerta li Urtica ma kinitx parti minn dak il-ftehim.  Urtica kien jinteressaha biss dwar it-tħaddim ta' Bonatrans għaliex kien f'dak l-istadju li hija saret waħda mill-azzjonisti ta' Bonatrans.  Imma wkoll bħala azzjonista, il-jedd ta' Urtica li titlob tagħrif

dwar il-kumpanija li hija azzjonista fiha mhuwiex wieħed bla limiti, anzi huwa wieħed limitat għal dak li huwa strettament permess mil-liġi;

38. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb lanqas. L-ewwel Qorti wriet b'mod ċar f'liema ċirkostanzi jista' jintalab tagħrif ta' xi kumpanija (dwar it-tmexxija tagħha, b'mod partikolari) u minn min. Safejn Urtica Limited kienet azzjonista ta' Bonatrans ukoll kellha tali jedd li, madankollu, mhuwiex wieħed bla limiti. Hawnhekk ukoll, il-Qorti tqis li safejn l-azzjoni ta' Urtica Limited hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta (kif l-appellanti tisħaq li huwa l-każ), dak il-jedd huwa ċirkostkritt b'limitazzjonijiet magħrufa u aċċettati mid-duttrina. Minbarra dan, il-Qorti tqis ukoll li l-jedd li wieħed jitlob tagħrif minn kumpanija għandu jitfittex mill-istess kumpanija jew rappreżentant tagħha. Ganado ma kinux uffiċjali u lanqas rappreżentanti ta' Bonatrans, sakemm din damet teżisti, u għalhekk l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ikkunsidrat post Urtica Limited fil-kawża bil-mod li ddisponiet dwaru fis-sentenza appellata;

39. Illi għal dawn ir-raġunijiet, lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

40. Illi l-**ħames aggravju** jirreferi għall-kap tal-ispejjeż. SWM tgħid li ma kienx sewwa li l-ewwel Qorti għabbietha bil-ħlas tal-biċċa l-kbira mill-

ispejjeż tal-kawża, meta l-kwistjoni kienet provokata minn Ganado minħabba r-ras iebsa tagħhom li ma jagħtuhiex it-tagħrif mitlub. Hija tqis li, ukoll meta wieħed iqis x'konklużjonijiet waslet għalihom is-sentenza appellata, għandu jidher li "l-metodoloġija ta' kif l-ispejjeż ġew maqsuma ma hiex waħda ekwa u wisq anqas tirrifletti r-realtà";

41. Illi Ganado jirribattu billi jgħidu li x'aktarx li l-ewwel Qorti fetħet idejha favur SWM u għabbietha biss b'parti mill-ispejjeż, meta t-talbiet ewlenin tagħha ma ntlaqgħux;

42. Illi din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb lanqas. L-ewwel Qorti ma laqgħetx it-talbiet kollha tal-atturi, u dan minbarra li huma rtiraw żewġ talbiet mill-ħamsa li kienu ressqu meta fetħu l-kawża. Ma kienx minnu, kif tgħid SWM, li l-kawża saret għalxejn, għaliex intwera li Ganado għamlu sewwa li ma laqgħux it-talba tal-atturi *proprio* dwar dokumenti u tagħrif marbuta mat-tmexxija ta' Bonatrans. Fuq kollox, il-qsim tal-ispejjeż huwa eżerċizzju mħolli fid-diskrezzjoni ta' kull qorti meta tagħti sentenza li ma tmurx kollha favur naħa jew oħra[20]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-każ li għandha quddiemha llum, l-ewwel Qorti ħaddmet dik id-diskrezzjoni b'għaqal u b'ħaqq;

43. Illi lanqas dan l-aggravju mhu se jintlaqa';

[20] Art. 223(3) tal-Kap 12

***Decide:***

44. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appelli** taż-żewġ partijiet u għalhekk qiegħda tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, b'dan illi t-tletin (30) jum stabbiliti fl-imsemmija sentenza jibdew jgħaddu millum, u **tordna** li kull parti f'dan l-appell tħallas l-**ispejjeż** tagħha, filwaqt dawk tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm